

**DEĊIŻJONI LI TEMENDA D-DEĊIŻJONI MB/17/2008
LI TISTABILIXXI RIMEDJI GĦAR-REVIŻJONI TA' RIFJUT
PARZJALI JEW SĦIĦ TA' TALBA GĦALL-KUNFIDENZJALITÀ
SKONT L-ARTIKOLU 118(3) TAR-REGOLAMENT (KE)
Nru 1907/2006**

**(Dokument adottat mill-Bord ta' Tmexxija permezz ta' proċedura
bil-miktub fit-30 ta' Mejju 2011)**

IL-BORD TA' TMEXXIJA TAL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI

Wara li kkunsidra l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament CLP”),

Billi:

- (1) L-Artikolu 24(4) tar-Regolament CLP jipprevedi li l-arranġamenti prattiċi msemmija fl-Artikolu 118(3) tar-Regolament REACH japplikaw jekk l-Aġenzija ma taċċettax talba għall-użu ta' isem kimiku alternattiv għal sustanza f'taħlita fuq it-tikketta jew fl-iskeda ta' dejta ta' sigurtà.
- (2) L-Artikolu 24(6) tar-Regolament CLP jipprevedi li l-arranġamenti prattiċi msemmija fl-Artikolu 118(3) tar-Regolament REACH japplikaw jekk l-Aġenzija tirtira jew temenda d-deċiżjoni tagħha dwar l-użu ta' isem kimiku alternattiv abbażi ta' informazzjoni ġdida.
- (3) Jenħtieġ jiġu emendati r-regoli għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 118(3) tar-Regolament REACH biex jiġu inklużi d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 24(4) u (6) tar-Regolament CLP. Dawn ir-regoli għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tat-23 ta' April 2008 li tistabbilixxi rimedji għar-reviżjoni ta' rifjut parzjali jew sħiħ ta' talba għall-kunfidenzjalità skont l-Artikolu 118(3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (MB/17/2008 finali) hija emendata kif ġej.

Il-paragrafi li ġejjin ġew miżjudha wara l-ewwel paragrafu fl-Artikolu 1:

“Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament CLP, din id-Deċiżjoni għandha tippreskrivi wkoll l-arranġamenti skont liema l-manifattur, l-importatur jew l-utent downstream fis-sens tar-Regolament CLP jista' jfittex rimedju f'sitwazzjoni meta l-Aġenzija ma taċċettax talba għall-użu ta' isem kimiku alternattiv jew jekk l-Aġenzija tirtira jew temenda d-deċiżjoni tagħha dwar l-użu ta' isem kimiku alternattiv abbażi ta' informazzjoni ġdida.

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, id-Deċiżjonijiet tal-Aġenzija li tirrifjuta talbiet għall-kunfidenzjalità u talbiet għall-użu ta' isem kimiku alternattiv, kif ukoll deċiżjonijiet mill-Aġenzija li tirtira jew temenda d-deċiżjoni tagħha dwar l-użu ta' isem kimiku alternattiv abbażi ta' informazzjoni ġdida għandhom jiġu riferuti bħala 'deċiżjonijiet għar-rifjut ta' talba għall-kunfidenzjalità', u r-referenza għar-“reġistrant” għandha tkopri wkoll lill-manifattur, lill-importatur jew lill-utent downstream fis-sens tar-Regolament CLP “;

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija.

Magħmula f'Ħelsinki, 22 ta' Ġunju 2011

iffirmat

Għall-Bord ta' Tmexxija
Thomas JAKL